**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 142/19 CZ**

**Brandon Pace u Andrea Csosz**

**vs.**

**Dr Mary Grace sive Graziella Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fl-24 ta' Gunju 2019 li biha premettew illi:

Fis-7 ta' Novembru, 2016 ghall-habta ta' 12:00 hrs fi Triq Mikiel Anton Vassalli l-Imsida, Dr Mary Grace sive Graziella Buhagiar bi traskuragni, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, unikament kienet responsabli ghall-incident tat-traffiku meta saqet il-karozza taghha ta' l-ghamla Land Rover, numru ta' registrazzjoni FCG 796, b'mod perikoluz, bla kontroll u b'manjiera traskurata u

sahanisitra tajjret il-mutur tal-ghamla Peugot Scooter, numru ta' registrazzjoni CBZ 082, u sofrew griehi is-sewwieq tal-mutur Brandon Pace u partikolarment il-passiggiera tieghu Andrea Csosz.

Il-konvenuta ghandi tigi kkundannata thallas lill-attur [sic] is-somma ta' elfejn u tmin mitt euro (€2,800) rapprezentanti spejjez sborsati konsegwenza ta' dan l-incident.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali datati 6 ta' Dicembru 2016 u 1 ta' Novembru 2017, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta imressqa fl-14 t'Awwissu 2019 li permezz taghha eccepiet:

Preliminarjament din l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma' kinitx b'ebda mod responsabbli ghall-incident li sehh fis-7 ta' Novembru, 2016 gewwa l-Msida, waqt li hija kienet qed isuq il-vettura numru FCG 796. Dan l-incident gara unikament tort tal-attur, Brandon Pace, is-sewwieq tal-mutur numru CBZ 082 u dana kif sejjer jigi puvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi wkoll u bla pregudizzju ghas-suespost, id-danni kif pretizi mill-atturi huma ghal kollox eccessivi.

Illi in vista tal-premess it-talbiet attici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Salv ecezzjonijiet ohra.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'digriet tal-24 ta' Settembru 2019 laqa' t-talba tal-konvenuta sabiex tinghata sentenza qabel xejn dwar l-ewwel eccezzjoni, tal-preskrizzjoni.

Ra illi b'sentenza tat-13 ta' Jannar 2020, it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Ra l-affidavits ta' l-attur Brandon Pace[1], l-attrici Andrea Csosz[2], tal-konvenuta[3], u David Mifsud[4].

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa u li l-partijiet inghataw zmien sabiex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Ra illi ma jirrizulta li hemm l-ebda sottomissjonijiet, mill-ebda parti, fl-atti.

[1] Fol. 63
[2] Fol. 69
[3] Fol. 77
[4] Fol. 82

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi t-Tribunal jirrizultalu illi fis-7 ta’ Novembru 2016 sehhet kollizjoni bejn il-mutur CBZ 082 misjuq mill-attur Brandon Pace, li kellu passiggier mieghu lill-attrici Andrea Csosz, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FCG 796 misjuqa mill-konvenuta.

Illi l-attur Brandon Pace jghid illi huwa kien fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Tal-Qroqq, jew kif ahjar popolarment maghrufa r-*roundabout* tal-Universita’, u ried idur biex jinzel lejn l-Imsida. Giet il-konvenuta bil-vettura taghha, li kienet tidher li sejra lejn il-Gzira, u peress li rat hafna traffic fit-triq bied tidhol ghall-Gzira, ghamlet manuvra li biha daret f’daqqa ghal fuq il-mutur tal-attur u laqtitu.

Illi l-attrici Andrea Csosz kkonfermat dak li qal l-attur dwar id-dinamika tal-incident. L-atturi rreferew pero’ ghal sitt (6) dokumenti li qalu pprezentaw mat-talba promotrici, izda meta t-Tribunal ezamina t-talba promotrici rrizultalu li mat-talba m’hemm l-ebda dokumenti. Id-dokumenti li pprezentaw l-atturi kienu mal-affidavit taghhom, fis-sens li esebew il-korrispondenza li giet skambjata mal-assikurazzjoni tal-konvenuta[5], u kopja informali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta’ Novembru 2017 li sabet lill-konvenuta hatja ta’ l-ewwel tliet akkuzi hemm imsemmija[6], izda mhux is-sitt dokumenti li semmew huma. L-attur semma wkoll li qed jannetti mal-affidavit ir-rapport tal-incident, izda mal-affidavit, fl-atti, ma kien

[5] Fol. 64 et seq.

[6] Fol. 34

hemm mehmuz l-ebda rapport. F'dan ir-rigward, it-Tribunal ma kellu l-ebda ghajnuna sabiex jifhem ahjar l-incident, ghajr ghal dak li xehdu l-partijiet.

Illi l-konvenuta min-naha l-ohra xehdet illi d-dinamika tal-incident ma kinitx kif indikata mill-atturi. Hija qalet li kienet gejja mill-bypass ta' Birkirkara u riedet iddur mar-roundabout biex tinzel lejn l-Imsida. Malli bdiet iddur, gie mutur minn fuq il-lemin taghha li kien donnu qed jipprova jaqbizha, billi kien se jghaddi minn quddiemha, u mess mar-rota tal-lemin taghha, mexa ftit 'il quddiem, tilef il-kontroll, u waqa' mal-art. Il-konvenuta, similment ghall-atturi, ukoll tirreferi ghal dokument li ma jirrizultax li qieghed fl-atti, u dan specifikament meta tirreferi ghar-rapport tal-Pulizija.

Illi kwantu ghall-htija tal-incident, ghalhekk, hemm zewg verzjonijiet totalment kuntrastranti ghal xulxin. Filwaqt li l-atturi jghidu li l-konvenuta daret ghal fuqhom, il-konvenuta tghid illi l-atturi pruvaw jaqbzuha u kienu huma li laqtuha u mhux bil-kontra.

Illi wara li ra l-fatti, ghalkemm fl-atti huma esposti b'mod skars, kollha tal-incident in kwestjoni, u wara li qies ukoll is-sentenza tal-qorti kriminali fil-konfront tal-konvenuta, it-Tribunal iqis illi l-verzjoni tal-atturi ghandha iktar mis-sewwa; dan mhux necessarjament ghaliex il-konvenuta giet gia' misjuba hatja b'sentenza ta' qorti kriminali ta' sewqan b'manjiera traskurata, izda wkoll ghaliex jekk l-atturi kienu fuq in-naha tar-roundabout lejn in-naha tal-universita', ma setax ikun illi kienu qed jippruvaw jaqbzu lill-konvenuta minn fuq il-lemin, kif indikat il-konvenuta. It-Tribunal ma jsibx verosimili dak li qed tghid il-konvenuta li xeghlet l-indicator biex iddur fuq il-lemin mar-roundabout, u minkejja dan, l-attur xorta baqa' jippressa biex jaqbizha fuq ir-roundabout. Iktar minn hekk, jekk il-konvenuta riedet iddur lejn l-Imsida u kienet ghadha kemm harget mill-bypass ta' Birkirkara, kienet qieghda ddur fuq in-naha l-hazina, jew ahjar fil-moghdija l-hazina, tar-roundabout, fis-sens illi skond kif iddeskrivew l-atturi, il-konvenuta kienet qieghda fuq in-naha ta' barra tar-

roundabout, mentri biex iddur lejn l-Imsida u tiehu t-tieni jew tielet harga fuq il-lemin taghha, kellha tkun fuq in-naha ta' gewwa tar-roundabout, mhux ta' barra. Anke l-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq, f'Artikolu 222 tieghu jipprovdi:

> Meta tkun se ddur fuq il-lemin, avvicina r-*roundabout* fil-moghdija tal-lemin. Zomm din il-moghdija fir-*roundabout.*

Illi ghalhekk, li kieku l-konvenuta hadet il-moghdija li kellha bzonn tiehu, ma kienx ikun il-kaz illi l-mutur tal-attur prova jissorpassaha, kif qed tallega hi. Minflok hadet il-moghdija l-hazina, tax-xellug, u biha holqot l-incident, ghaliex kif kienet ghaddejja minn quddiem is-slipway li twasslek ghall-Gzira, kienet ghal mument qed taghlaq l-islipway bil-vettura taghha stess u tostakola t-traffiku li ried jidhol ghal go dik is-slipway.

Illi mix-xiehda tas-surveyor David Mifsud, prodott mill-konvenuta stess, irrizulta illi l-hsara fil-mutur tal-atturi tiswa' seba' mitt Euro (€700). L-atturi sostnew ukoll illi sofrew xi griehi, izda ma gabu l-ebda provi dwarhom, la dwar x'inhuma u lanqas x'nefqu dwarhom. L-unika hsara kwantifikabbli li tirrizulta mill-atti ghalhekk hija biss dik tal-mutur.

Illi ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ma tistax tintlaqa'. It-tielet eccezzjoni, kwantu ghal dak li ntqal illi d-danni mitluba huma eccessivi, hija fondata u fil-fatt kif jirrizulta aktar 'il fuq, ghalkemm l-atturi talbu somma akbar, giet pruvata biss is-somma ta' seba' mitt Euro (€700).

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni, jilqa’ parzjalment it-tielet eccezzjoni u jordna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ mitt Euro (€700), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez, inkluz dawk tas-sentenza in parte, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur